# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 54**

**Citaz. Nru. 2889/96GV**

**Doc. Nru. 45-01**

**Anthony u Moira konjugi Laferla**

**vs**

**John u Rosa konjugi Micallef**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi huma propjetarji tal-fond "Dar it-Tina l-Helwa", Jules Verne Rd., San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar;

Premess illi l-konvenuti huma propjetarji tal-fond kontigwu ghal dak tal-atturi;

Premess illi ricentement il-konvenuti abuzivament waqqghu hajt tas-sejjieh divizorju li kien hemm bejn l-imsemmi fond tal-atturi u l-imsemmi fond tal-kovenuti;

Premess illi sussegwentement il-konvenuti regghu bnew hajt tas-sejjieh iehor pero' mhux skond is-sengha u l-arti u mhux ta' l-istess kwalita' u dimensjonijiet tal-hajt tas-sejjieh precedenti;

Premess illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jerghgu jibnu hajt tas-sejjieh gdid skond is-sengha u l-arti u tal-istess kwalita' u dimensjonijiet tal-hajt precedenti, izda baqa' inadempjenti;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-hajt tas-sejjieh il-gdid mibni mill-konvenuti bejn l-imsemmi fond tal-atturi u dak tal-konvenuti f'San Pawl tat-Targa mhux mibni skond is-sengha u l-arti u mhux ta' l-istess kwalita' u dimensjonijiet tal-hajt tas-sejjieh originali li kien gie mwaqqa' mill-konvenuti;

2. Konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuti huma obbligati li jibnu a spejjes taghhom hajt tas-sejjieh iehor bejn l-imsemmija fondi liema hajt tas-sejjieh ghandu jinbena skond is-sengha u l-arti u ta' l-istess kwalita' u dimensjonijiet tal-hajt tas-sejjieh originali;

3. Konsegwentement tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-Qorti u taht is-supervizzjoni ta' perit arkitett nominat mill-istess Qorti jibnu a spejjez tal-istess konvenuti hajt tas-sejjieh gdid bejn l-imsemmija fondi liema hajt gdid ghandu jinbena skond is-sengha u l-arti u ta' l-istess kwalita' u dimensjonijiet tal-hajt tas-sejjieh originali;

4. Fin-nuqqas li l-konvenuti jonqsu milli jibnu l-imsemmi hajt tas-sejjieh gdid ordnat minn din il-Qorti fil-hin lilhom prefiss, tawtorizza lill-atturi sabiex huma stess u a spejjez tal-konvenuti jezegwixxu x-xogholijiet necessarji biex jinbena l-imsemmi hajt tas-sejjieh u dana dejjem taht is-supervizzjoni tal-perit arkitet nominat minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-10 u l-24 ta' Lulju, 1995 u bl-interessi legali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' John u Rosa konjugi Micallef a fol. 10 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi l-hajt mibni mill-konvenut u nbena minnu skond l-arti u s-sengha u hu ta' dawk id-dimensjonijiet u ta' dik il-kwalita' permessa mill-Ligi.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 13 li bih gie nominat il-Perit F. Doublet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

**TALBA**

Din il-kawza hija dwar talba ta' l-atturi biex il-konvenuti jergghu jibnu hajt tas-sejjieh li kienu waqqu skond is-sengha u l-arti u ta' l-istess kwalita' u dimensjonijiet tal-hajt ta' sejjieh originali.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li l-hajt kien inbena skond l-arti u s-sengha u huwa ta' dawk id-dimensjonijiet u ta' dik il-kwalita' permessa mill-ligi.

**PROVI**

Illi b'verbal a fol. 42 Dr. J. Refalo ghall-konvenuti kien informa l-Qorti li x-xogholijiet saru fil-mori tal-kawza u ghalhekk il-mertu gie ezawrit u fadal biss il-kwistoni ta' l-ispejjez.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-hajt kien twaqqa mill-konvenut minghajr il-kunsens ta' l-attur u ghalhekk saret il-kawza. Imbaghad il-konvenut rega' tella l-hajt fil-mori tal-kawza (ara verbal tat-3 ta' Lulju, 2000). Jidher li l-attur kien gustifikat li jipprezenta din il-kawza tant li l-konvenut esegwixxa x-xogholijiet li l-attur talab li jsiru. Ghalhekk il-konvenut ghandu jehel l-ispejjez ta' din il-kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tiddikjara u tiddeciedi li l-mertu hu esawrit u ghalhekk tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tieghu u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**